# Infakkru żewġ ġrajjiet oħra

Neil Zammit

**L-istatwa ta' Kristu Salvatur tagħlaq mitt sena**

Tiddomina l-faċċata tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa naraw l-istatwa ta' Kristu Salvatur, imnaqqxa fil-ġebla maltija mill-iskultur Żebbuġi Francesco Saverio Sciortino. L-iskultur Sciortino ħejja bozzett għal din l-istatwa biex setgħet tintbgħat is-supplika lill-Kurja tal-Isqof. It-talba ġiet milqugħa u x-xogħol beda minnufiħ. Fil-fatt l-istatwa tas-Salvatur tlestiet fl-1911, propju mitt sena ilu u ttellgħet f'postha nhar id-29 t'April ta' dik is-sena. Sa tliet snin wara tlestew ukoll l-istatwi tal-Fidi u t-Tama li tpoġġew fuq kull naħa tal-istatwa tas-Salvatur.


Dehra tal-istatwa ta' Kristu Salvatur qabel l-1914

Tajjeb li nsiru nafu ftit aktar dwar dan l-artist. Fil-fatt, Francesco Saverio Sciortino, ħu l-magħruf Antonio


Francesco Saverio Sciortino

Sciortino, twieled f'Ħaż-Żebbuġ nhar it-12 ta' Novembru 1875. Ħa l-ewwel tagħlim fl-arti mingħand kuġinuh, il-pittur Lazzaro Pisani. Aktar tard kompla

għal paġna 9

**Bon Chocolat**
Confectionery, Wines & Spirits
Fresh / Dried Cakes, Frozen Foods
Daily Fresh Bread, Hot Snacks
We accept orders for all occasions
1, Triq Dun Pawl - Luqa
Tel 2180 9107 - Mob: 9946 9263

**Pet Mania**
*For all kind of Pets & Pet Food*
*Aquarium & Fishing Equipment*
*Fishing Live Baits, Live Stock*
*Gardening Equipment & Accessories*
Mob: 99823363
208, New Street, Luqa

**Cheveux Classiques**
By Ottilia
New Street, Luqa
TEL: 2182 0487
Monday 9.00 - 14.00
Tuesday - Saturday 8.00 - 17.00

**Ta' Matti**
Għal kull prodott ta' ġwież, bexx, sulfat, demel artifiċjali u prodotti agrikoli ta' l-aqwa kwalita', irrikorru għand:
Alex Azzopardi
Gudja Road
Luqa
Tel: 21809348 - 21663593 - 79710498

# Żewġ ġrajjiet imfakkra

minn paġna 8



L-iskultur l-Kav. Alfred Camilleri Cauchi waqt ix-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa

l-istudji tiegħu fl-iskultura u l-immudellar mal-Professur Vincenzo Cardona. Hawn Malta ltaqa' wkoll mal-magħruf Guglio Moschetti, fejn dan ħajjar lil Sciortino biex ikompli jistudja ġewwa Ruma. Hekk għamel, tant li fl-1897 tela' Ruma fejn ġie aċċettat fir-Regio Istituto di Belle Arte. Fl-1903 mar Milan biex ikompli jistudja taħt il-Professur Eugenio Butti. Lura Malta, Francesco Saverio Sciortino ħadem bosta xogħlijiet u għallem f'diversi skejjel. Kien involut ukoll fir-ristrutturar tal-knisja parrokkjali tan-Nadur f'Għawdex. Aktar tard hu mar jgħix ġewwa Oka fil-Canada, fejn miet nhar l-1 ta' Settembru 1958.

Intant, wara l-ħerba li ħalliet warajha t-Tieni Gwerra Dinija, il-knisja parrokkjali reġgħet inbniet mill-ġdid fuq il-pjanti tal-perit Andrea Micallef. Huwa kien tal-fehma li l-pedestall li kellha qabel l-istatwa tas-Salvatur kellu jiġi alterat. Fil-fatt, barra li tneħħiet in-niċċa apsidata li kien hemm fil-bażi tal-pedestall, dan saħansitra ċċekken minn kif kien qabel il-gwerra. Barra minn hekk, l-istatwi tal-Fidi u t-Tama li kien hemm fuq kull naħa tal-istatwa tas-Salvatur ma reġgħux sabu posthom fuq il-frontispizju tal-knisja.

Ġrajja partikolari seħħet nhar is-16 ta' Jannar 1978, meta l-istatwa tas-S alvatur ħakimha riħ qawwi tant li waqgħet minn fuq il-pedestall tagħha u ġiet fuq il-bejt tal-knisja. B'xorti tajba ħadd ma weġġa' u l-istatwa ma ġarbitx ħafna ħsara. Ix-xogħol ta' restawr li kien hemm bżonn ġie fdat f'idejn l-artist l-Kav. Alfred Camilleri Cauchi. Il-Kappillan ta' dak iż-żmien, illum Mons. Innoċenz Borg ħa d-deċizjoni għaqlija li l-istatwi tal-Fidi u t-Tama li kienu tneħħew wara l-gwerra jerġgħu jitqiegħdu fejn kienu qabel. B'xorti tajba dawn iż-żewġ statwi kienu għadhom fuq il-bejt tal-knisja u għalhekk ma kienx hemm problemi biex dan iseħħ. Il-kappillan Borg xtaq ukoll li l-pedestall tal-istatwa tas-Salvatur jerġa' jingħata d-dimensjonijiet li kellu oriġinarjament, liema xogħol ħa ħsiebu l-Imgħallem Toninu Galea. Barra minn hekk, mal-bażi tal-pedestall, fejn qabel il-gwerra kien hemm niċċa, tnaqqxu l-kliem *Tu Rex Glorie Christe* minn Joe Aquilina.

Fi żmien il-kappillan Dun Joe Camilleri, minħabba l-ħsarat li kellha l-parti ta' fuq tas-salib ta' din l-istatwa u li kienet maħduma fl-injam, kien ġie deċiż li din kellha tinbidel. B'hekk kien żgurat li din l-istatwa tant sabiħa ta' Sciortino tibqa' wieqfa fi stat tajjeb għas-snin li ġejjin.

**Ħamsin sena mill-wasla tal-Via Sagra**

Waħda mill-opri artistiċi li jżejnu l-knisja ta' Sant'Andrija Appostlu hija l-Via Sagra. Din turi erbatax-il episodju mill-passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu u tinsab imdendla mal-pilastri ta' taħt in-navi. Kien fi żmien il-kappillan Dun Innoċenz Borg meta l-prokuratur tal-knisja ta' dak iż-żmien Gakbu Ciappara ħa ħsieb jordna din il-Via Sagra ġdida għand l-iskultur magħruf Pietro Tavani ta' Como (qrib Milan fl-Italja). Dak iż-żmien Tavani kien imfittex ħafna għal xogħlijiet f'diversi knejjes madwar id-dinja. Għalhekk l-għażla ma damietx ma waqgħet fuq dan l-artist, li minn naħa tiegħu aċċetta l-kummisjoni wara li sar qbil fuq is-somma li kellha titħallas lilu għal dan ix-xogħol.

Tajjeb insemmu illi sas-snin ħamsin tas-seklu li għadda, fil-knisja parrokkjali ta'

għal paġna 10

Euro Tours
Triq Mountbatten, Ħamrun
Dak li jwegħduk jagħtuk
Pakketti sħaħ ta' ġiti għal diversi destinazzjonijiet mingħajr ebda prezzijiet moħbija
Kuljum bejn it-8.30 a.m. sas-6 p.m., Is-Sibt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar
Tel: 2122 3295 - 2596 5555
www.eurotours.com.mt

Anilex
Bargain Shop
Triq tal-Ħabaq - Luqa
Bargain Items
Lm1 items & 3 for Lm1 items
Detergents and much more
Tel: 2166 1336

# Żewġ ġrajjiet imfakkra

*minn paġna 9*



Waħda mill-istazzjonijiet tal-Via Sagra f'ritratt meħud ġewwa l-istudio tal-iskultur Tavani

Ħal Luqa kien għad hemm Via Sagra oħra aktar antika. Din kellha l-gwarniċi tagħha skulturati fl-injam, bix-xeni tal-passjoni mpittra fuq it-tila. Għal xi raġuni ġie deċiż illi din kellha tinbidel biex issir oħra ġdida, din id-darba fonduta fil-bronż. B'kollox ġiet tiswa aktar minn elf u ħames mitt lira sterlina ta' dak iż-żmien.

Intant, ġara iżda, li l-iskultur Pietro Tavani miet ħesrem nhar il-11 t'Ottubru 1960. Il-kappillan flimkien mal-prokuratur minnufiħ ħadu ħsieb jikkorrispondu ma' ibnu Giovanni, li wiret is-sengħa mingħand missieru stess. B'hekk il-proġett ma spiċċax fix-xejn, tant li l-Via Sagra tlestiet mill-iskultur Giovanni Tavani fl-1961, propju ħamsin sena ilu, meta l-festa ta' Sant'Andrija ġiet trasferita għall-ewwel darba fis-sajf. Aktar tard, fuq disinn ta' Carmelo Tonna ġew fonduti wkoll erbatax-il brazz biex fihom titqiegħed ix-xemgħa, waqt li l-gwarniċi tal-injam għall-isfond tal-Via Sagra inħadmu mill-Imgħallem Ġużeppi Galea.



L-iskultur Giovanni Tavani li temm ix-xogħol fuq il-Via Sagra

Interessanti l-fatt li din l-opra ġdida intlaqgħet tajjeb ferm, tant li l-artist Giovanni Tavani kiteb lill-prokuratur Ġakbu Ciappara biex jirringrazzjah tal-kummenti sbieħ minn naħa tiegħu, waqt li tah ukoll xi pariri kif il-Via Sagra l-ġdida kellha tiġi mmuntata mal-uċuħ tal-injam mingħajr ma ssirilha ħsara bla bżonn.

**Bibliografija**

Parroċċa Sant'Andrija, Ħal Luqa - 375 sena ta' Fidi u Kultura Nisranija, 2009
Parroċċa Sant'Andrija - www.luqaparish.com
Gabriel Pellegrini, Francis Xavier Sciortino (1875 - 1958), 1999
Giovanni Tavani - www.giovannitavani.com

Ħajr lil Tessie Farrugia u l-familja Ciappara u lil Joe Aquilina.

Muxi
Adult's & Children's Clothing, Underwear & Accessories
Ġużeppi Ellul Street, Luqa
Tel: 2189 1790

Phone Booth
Tel: 21820878
For all types of mobile phones
Hi-Fi @ DVD players/Surrounds
Repairs in 24 hour time
PlayStation 3/PSP
CD/MP4 Players
Digital Cameras and TVs
Mon-Sat: 9am -12pm + 4pm - 7pm
In Front of Luqa Primary School